IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2015
COM(2015) 568 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (Id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE)**

{SWD(2015) 207 final}

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali**

**(Id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE)**

## 1. Dan ir-Rapport ta' Applikazzjoni jistabbilixxi kif ġiet implimentata d-Direttiva dwar is-Servizzi Postali u kif qed jiżviluppa s-suq postali

Fi Frar tal-2008, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw id-Direttiva 2008/6/KE (minn hawn 'il quddiem "it-Tielet Direttiva dwar is-Servizzi Postali")[1], li introduċiet il-bażi legali għat-tlestija tas-suq intern għas-servizzi postali billi pprovdiet l-aħħar pass leġiżlattiv fil-proċess tal-ftuħ gradwali tas-suq. Din stabbiliet data għall-ftuħ sħiħ tas-suq, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2010 għal 16-il Stat Membru[2] u l-31 ta' Diċembru 2012 għall-bqija tal-Istati Membri[3], li dak iż-żmien kienu 11. It-Tielet Direttiva dwar is-Servizzi Postali saħħet ukoll il-kompiti u l-kompetenzi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, biddlet il-mod li bih jista' jingħata u jiġi ffinanzjat is-servizz postali universali, irrikjediet l-aċċess għal ċerti elementi tal-infrastruttura postali u estendiet id-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, filwaqt li rrikjediet ukoll li l-Kummissjoni tagħti assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħha, inkluż fir-rigward tal-kalkolu ta' kwalunkwe kosti netti tas-servizz universali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/6/KE jirrikjedi li kull erba' snin il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tagħti wkoll informazzjoni xierqa dwar żviluppi fis-settur. Għalkemm din id-dispożizzjoni tippreċiża li se jittressaq rapport sa Diċembru tal-2013, ir-rapport kien pospost sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jiġu eżaminati l-effetti bikrin tal-ftuħ sħiħ tas-suq fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Rapport ta' Applikazzjoni jispjega fil-qosor kif id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39 u 2008/6/KE) ġiet implimentata fl-Unjoni Ewropea kollha, u jagħti taqsira dwar l-iżviluppi ewlenin li seħħew fis-suq postali sa minn Diċembru tal-2008[4]. F'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/6/KE dan

[1] Id-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3.

[2] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit

[3] Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakja. Għalkemm il-Kroazja ssieħbet uffiċjalment fl-UE fl-1 ta' Lulju 2013, is-suq postali tagħha ġie liberalizzat għalkollox mill-1 ta' Jannar 2013.

[4] Dan huwa l-Ħames Rapport ta' Applikazzjoni ta' dan it-tip minn meta ġiet adottata d-Direttiva 97/67/KE. Ir-rapporti preċedenti jistgħu jinstabu hawnhekk: http://ec.europa.eu/growth/sectors/postal-services/legislation/index_en.htm.

jipprovdi informazzjoni dwar mudelli ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg u dwar aspetti teknoloġiċi, kif ukoll dwar il-kwalità tas-servizz. Ir-Rapport ta' Applikazzjoni huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jagħti informazzjoni aktar dettaljata, u jinkludi Anness dwar il-kalkolu tal-kost nett tal-Obbligu ta' Servizz Universali.

Intużaw għadd ta' sorsi biex jitfasslu r-Rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, fosthom studji dwar *Main Developments in the Postal Sector (2008-2010)* (L-Iżviluppi Ewlenin fis-Settur Postali (2008-2010)),[5] *Pricing behaviour of postal operators* (L-imġiba tal-ipprezzar tal-operaturi postali),[6] *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)* (L-Iżviluppi Ewlenin fis-Settur Postali (2010-2013)),[7] għadd ta' rapporti mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi Postali (ERGP - European Regulators Group for Postal Services),[8] kontributi fil-kuntest tal-Kumitat tad-Direttiva Postali (PDC - Postal Directive Committee) u l-Forum tal-Utenti Postali,[9] id-dejta tal-Eurostat sal-2012[10] u l-istatistiki postali tal-Kummissjoni stess għall-perjodu wara l-2012 b'riżultat tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf il-ġbir dedikat tad-dejta statistika għas-settur postali, kif ukoll iċ-ċifri tal-Unjoni Postali Universali[11]. Minħabba ż-żmien involut fil-ġbir u l-produzzjoni tal-istatistika, ħafna drabi l-aktar statistika reċenti disponibbli hija dik għall-2013, iżda meta kien possibbli intużat informazzjoni aktar riċenti biex tingħata indikazzjoni dwar l-aħħar żviluppi.

## 2. Servizzi postali u tal-pakketti affordabbli u affidabbli għadhom kruċjali għas-suq uniku

Is-servizzi postali għadhom jaqdu rwol importanti fl-Unjoni Ewropea, għalkemm in-natura ta' dan ir-rwol qed tinbidel hekk kif teknoloġiji ġodda qed iwasslu kemm għas-sostituzzjoni elettronika kif ukoll għal żieda fil-volum tax-xiri onlajn. L-abbiltà li wieħed jibgħat ittri u pakketti li jaslu fi żmien speċifikat bi prezz definit fil-partijiet kollha tal-Unjoni Ewropea tibqa' kontributur fundamentali għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u għall-iżvilupp tas-suq uniku. Il-potenzjal enormi tal-kummerċ elettroniku jfisser li servizzi

[5] Copenhagen Economics, *Main Developments in the Postal Sector (2008-2010),* Copenhagen, id-Danimarka, 2010

[6] Copenhagen Economics, *Pricing behaviour of postal operators*, Copenhagen, id-Danimarka, 2012

[7] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013¸* Bad Honnef, il-Ġermanja, 2012

[8] Għal aktar tagħrif dwar l-ERGP, inklużi r-rapporti tiegħu, ara http://ec.europa.eu/growth/sectors/postal-services/ergp/index_en.htm

[9] Dan il-grupp ta' djalogu inħoloq fl-2011 minn Michel Barnier, l-eks-Kummissarju għas-Suq Intern u s-Servizzi. Il-grupp jiġbor flimkien utenti tas-servizzi postali (konsumaturi aħħarin, SMEs, negozji u bejjiegħa elettroniċi), operaturi postali u trade unions biex janalizza l-effetti tal-liberalizzazzjoni postali u jfittex modi kostruttivi biex jagħti servizzi postali ta' kwalità aqwa lill-konsumaturi. Il-Forum, li jiltaqa' fi Brussell fuq bażi annwali, huwa maħsub bħala mezz biex tinkiseb l-opinjoni diretta tal-klijenti dwar l-effetti tar-riforma postali Ewropea, ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà fis-settur postali u r-rabta diretta mal-kummerċ elettroniku.

[10] http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Postal_service_statistics_-_universal_service_providers

[11] http://www.upu.int/en/resources/postal-statistics/about-postal-statistics.html

affidabbli tat-twassil tal-pakketti huma aktar importanti minn qatt qabel biex jgħinu fl-ilħiq tal-potenzjal tas-Suq Uniku Diġitali[12].

## 3. Is-sorveljanza regolatorja indipendenti tjiebet, għalkemm sorveljanza msaħħa tas-suq tal-pakketti hija meħtieġa biex jinżamm il-pass mal-bidliet f'dak is-suq

L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali għadhom jaqdu rwol kruċjali fis-sostenn u s-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, kif ukoll fl-iżgurar tal-konformità mal-istess Direttiva fl-Istati Membri. Maż-żmien dawn qed jiġu kombinati dejjem aktar mar-regolaturi ta' servizzi oħra tal-komunikazzjoni (pereżempju servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, ix-xandir). Il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej tas-Servizzi Postali (ERGP - European Regulators Group for Postal Services), li ġie mwaqqaf fl-2010, tejjeb il-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali fil-livell Ewropew[13].

Storikament, l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali kellhom it-tendenza li jiffukaw fuq l-ittri. Hekk kif il-volum tal-ittri qed jonqos filwaqt li l-għadd ta' pakketti qed jiżdied minħabba l-bejgħ permezz tal-kummerċ elettroniku, huma meħtieġa sorveljanza regolatorja aktar b'saħħitha tas-suq tal-pakketti u dejta aktar komprensiva dwar l-istess suq biex tinkiseb stampa sħiħa u preċiża tas-swieq ġenerali postali u tal-pakketti u biex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku Diġitali.

## 4. Għall-ittri jingħata servizz universali affrodabbli u affidabbli

L-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu għall-ġbir u l-konsenja ta' ittri u pakketti f'mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol fil-ġimgħa, bi kwalità speċifika fil-punti kollha fit-territorju tagħhom[14]. L-għadd ta' Stati Membri fejn dan ir-rekwiżit ta' frekwenza jinqabeż (jiġifieri t-twassil ta' konsenji sitt ijiem fil-ġimgħa) qed jonqos[15]. B'mod ġenerali, hemm tendenza lejn it-tnaqqis tat-tipi ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-obbligu ta' servizz universali, għalkemm ħafna Stati Membri jinkludu oġġetti oħra għajr għall-ittri ta' biċċa waħda[16] fil-kamp ta' applikazzjoni

---

[12] Ara COM(2015) 192 final Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa. http://ec.europa.eu/priorities/digital-single-market/index_en.htm

[13] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2010 2010/C 217/07

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2010:217:0007:0009:MT:PDF

[14] Il-qafas ġenerali huwa stabbilit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/67/KE. Dan jeħtieġ ġbir wieħed u konsenja waħda mhux inqas minn ħamest ijiem tax-xogħol kull ġimgħa; il-ġabra, l-għażla u t-trasport ta' oġġetti postali ta' sa żewġ kilogrammi u ta' pakketti postali ta' sa 10 kilogrammi; u servizzi għal oġġetti reġistrati u assigurati.

[15] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)* u ERGP (14 (23) Report on the Benchmarking of the Universal Service Tariffs updated

[16] Biċċa waħda tirreferi għal oġġetti individwali jew għal oġġetti aggregati ta' volum baxx biżżejjed li ma jikkwalifikawx għal roħs għal oġġetti bil-massa, u għaldaqstant il-prezz u s-servizz offruti huma l-istess bħal dawk għal oġġetti individwali.

tal-obbligu ta' servizz universali, pereżempju ittri jew pakketti bil-massa, posta pubbliċitarja, jew gazzetti. L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, ħatru b'mod formali lill-operatur postali nazzjonali eżistenti bħala l-"fornitur ta' servizz universali". Fil-Ġermanja, l-operatur postali nazzjonali storiku jaġixxi bħala l-fornitur ta' servizz universali.

Il-biċċa l-kbira tal-ittri domestiċi jitwasslu fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss (sakemm jintbagħtu permezz ta' servizz tal-ġurnata li jmiss, minflok permezz ta' alternattiva li biha jitwasslu aktar bil-mod u b'inqas spejjeż) u t-tqassim tal-posta intra-UE għadu jaqbeż l-istandards tal-kwalità speċifikati fid-Direttiva[17]. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilixxew limitu fuq il-prezz biex jiżguraw li s-servizzi postali bażiċi jkunu affordabbli. F'bosta Stati Membri, ġeneralment matul dawn l-aħħar snin il-prezzijiet tal-bolol għolew f'konformità mar-rati tal-inflazzjoni, u biex jikkumpensaw għat-tnaqqis fl-għadd ta' ittri mibgħutin[18]. Bejn l-2012 u l-2013, it-tariffi għal ittra li tiżen 20 gramma żdiedu b'medja ta' madwar 5,6%[19], madankollu dan ma ħalla l-ebda impatt sinifikanti fuq l-affordabbiltà ta' dan is-servizz għaċ-ċittadini tal-UE peress li għadu affrodabbli speċjalment meta mqabbel man-nefqa għal mezzi oħra tal-komunikazzjoni (pereżempju it-telekomunikazzjonijiet mobbli).

L-Istati Membri kollha jiżguraw li l-fornituri kollha ta' servizzi postali għandhom proċedura trasparenti, sempliċi u li ma tiswiex ħafna biex jindirizzaw l-ilmenti tal-utenti, u l-biċċa l-kbira tal-fornituri ta' servizz universali għandhom sistema ta' kumpens.

## 5. Informazzjoni preċiża u komparabbli dwar kwalunkwe spiża netta tas-servizz universali hija essenzjali

F'każ li l-forniment tas-servizz universali fi Stat Membru jirriżulta fi spiża netta li toħloq piż inġust fuq il-fornitur tas-servizz universali, id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali tistabbilixxi modi li bihom l-hekk imsejjaħ 'kost nett' tal-obbligu ta' servizz universali li jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) maħtur(a) tas-servizz universali jistgħu jiġu kkumpensati. Madankollu, sabiex ikun provdut finanzjament u sabiex ikun żgurat li dan huwa kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, il-kosti għandhom jiġu kkalkulati b'mod komparabbli. L-Anness tad-dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport jistipula metodi differenti biex jiġu kkalkulati l-kosti netti tal-obbligu tas-servizz postali universali li nstabu li huma konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali.

[17] Id-data tal-impustar li għandha titqies hija l-istess jum li fih l-oġġett jiġi impustat, sakemm dan isir qabel l-aħħar ħin ta' ġbir ikkomunikat għal dak il-punt ta' aċċess partikolari (jiġifieri kaxxa tal-ittri jew uffiċċju postali). Fl-2014, il-ħin medju għat-twassil tal-ittri fl-Ewropa kien 2,4 jiem, b'90,6% li jkunu tqassmu fi żmien tliet ijiem mill-impustar u 97,8% fi żmien ħamest ijiem. Sors: International Post Corporation (2014) International Mail Quality of Services Monitoring UNEX™ 2014 results .

[18] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)*

[19] Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bazi tad-Dejta tal-Istatistika Postali

## 6. Il-kompetizzjoni żviluppat bil-mod għall-posta tal-ittri u xi operaturi kellhom imġiba li tmur kontra l-kompetizzjoni

Minkejja l-ftuħ sħiħ tas-suq fl-UE kollha sal-2013, il-kompetizzjoni fis-swieq tal-ittri żviluppat bil-mod f'ħafna mill-Istati Membri u l-fornituri tas-servizz universali żammew ishma maġġoratorji tas-suq fl-Istati Membri. Mill-ħmistax-il Stat Membru li fetħu s-swieq tagħhom b'mod sħiħ qabel l-2011, tmienja kellhom aktar minn 5% tal-kompetizzjoni fis-suq tal-ittri (f'volum) sal-2013. F'dawk l-Istati Membri li fetħu s-swieq tagħhom wara l-2011, il-kompetituri kienu laħqu iktar minn 5% tas-suq tal-ittri sa nofs l-2013 f'ħames Stati Membri.[20] Fejn il-kompetizzjoni fis-suq tal-ittri żviluppat, din hija aktar mifruxa għat-twassil minn punt għall-ieħor provdut minn operaturi li ħolqu n-netwerk ta' tqassim tagħhom stess biex iwasslu direttament lir-riċevituri nfushom. Il-kompetizzjoni għall-aċċess, fejn operaturi oħra jikkonsenjaw ittri lill-fornitur tas-servizz universali għall-konsenja finali wara l-fażi ta' qabel l-għażla żviluppat fis-Slovenja u fir-Renju Unit, kif ukoll fil-Ġermanja. F'għadd ta' Stati Membri, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali kkundannaw lill-fornitur tas-servizz universali għal imġiba li tmur kontra l-kompetizzjoni f'forma ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti. Kien hemm każijiet ta' għoti ta' tnaqqis illegali lil konsumaturi kummerċjali, kompressjoni tal-marġini u prezzijiet predatorji. Dawn il-prattiki jista' jkollhom il-konsegwenza li jipprekludu l-kompetizzjoni. Id-dħul fis-suq u l-iżvilupp tal-kompetizzjoni jistgħu jiġu skoraġġuti wkoll minn ċerti prattiki regolatorji, bħall-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet tal-liċenzja għal parteċipanti ġodda li jistgħu jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni permess mid-Direttiva.

## 7. L-għadd ta' ittri mibgħuta naqas hekk kif is-sostituzzjoni elettronika żdiedet

L-għadd ta' ittri mibgħuta permezz tal-fornituri tas-servizzi universali fl-UE naqas minn madwar 107,6 biljuni fl-2008 għal 85,5 biljun fl-2013[21]. Bħala medja, bejn l-2007 u l-2010 it-tnaqqis kien ta' 4,3% fis-sena f'termini ta' volum, u ta' 5,2% fis-sena fi dħul[22]. Bejn l-2010 u l-2011 ir-rata ta' tnaqqis naqset għal 3,3% u 1,4% rispettivament, iżda żdiedet għal 4,85% bejn l-2012 u l-2013 (f'termini ta' volum) għall-UE28[23]. B'mod ġenerali, il-posta diretta (reklamar) u l-pubblikazzjonijiet ġew affettwati anqas mill-ittri, għalkemm l-Istati Membri bi swieq aktar maturi għall-ittri esperjenzaw l-akbar tnaqqis, u dan huwa mistenni li jissokta. Pereżempju, fid-Danimarka l-volumi postali naqsu b'aktar minn 60% bejn l-2000 u l-2014, bi tnaqqis ieħor ta' 15% fl-ewwel kwart tal-2015[24]. Fin-Netherlands kien hemm tnaqqis ta' 13%

[20] ERGP(13) 38 rev1 Report on End-to-End Competition and Access in European Postal Markets

[21]Unjoni Postali Universali, stimi tas-servizz tal-għadd ta' oġġetti postali tal-ittri u stimi tas-servizz tad-dispaċċ tas-servizz internazzjonali għall-UE27. Statistiki tal-Unjoni Postali Universali jinkludu operaturi membri maħtura tal-Unjoni Postali Universali biss.

[22] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)*

[23] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)* u l-Bażi tad-Dejta tal-Istatistiki Postali tal-Kummissjoni Ewropea; kalkoli proprji

[24] Post Nord, *Annual and Sustainability Report 2014*, 2015, Post Nord, *Interim Report Q1 2015*, 2015.

fl-ewwel kwart tal-2015, u huwa mbassar li l-volumi għandhom jinżlu bejn 32% u 49% bejn l-2010 u l-2020[25].

Peress li l-volumi tal-ittri jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u fid-dawl tar-rati attwali ta' tnaqqis, aktarx li xi Stati Membri qatt ma huma se jilħqu l-livelli ta' volum ta' ittri li kellhom Stati Membri bi swieq postali maturi. Għaldaqstant, anki jekk it-tnaqqis fil-volum tal-ittri fi swieq postali anqas żviluppati huwa anqas f'termini relattivi, xorta aktarx li jħalli impatt sinifikanti minħabba l-ekonomiji ta' skala li huma iżgħar minn dawk ta' swieq aktar maturi.

## 8. Il-pakketti huma qasam ta' tkabbir iżda l-konsumaturi u l-kummerċjanti elettroniċi jilmentaw dwar il-kwalità u l-kosti ta' servizzi transfruntiera

Ma hemmx kunsens ċar dwar id-daqs tas-suq Ewropew tal-pakketti[26]. Pereżempju, stimi tad-daqs tas-suq Ewropew tal-pakketti jissuġġerixxu valuri ta' EUR 60 biljun għas-swieq Ewropej ta' kurrier, tal-pakketti u tal-konsenji rapidi kombinati fl-2010[27]; EUR 47 biljun fl-2011 (inklużi vjeġġi ta' sa 2,500 kg)[28]; EUR 37 biljun għas-suq tal-pakketti u s-suq tal-konsenji rapidi fl-2011[29]; u EUR 53,5 biljun fl-2014[30]. Anki meta jingħaddu l-pakketti mibgħuta minn fornituri ta' servizz universali biss, is-suq tal-pakketti tal-UE kiber minn ammont stmat ta' 1,65 biljun pakkett ordinarju fl-2008 għal madwar 1,96 biljun pakkett ordinarju fl-2013[31]. Madankollu, l-għadd ta' pakketti *per capita* ivarja sew bejn l-Istati Membri. L-istimi tas-suq kollu tal-pakketti jindikaw firxa fil-pakketti *per capita* minn kważi 30 (il-Ġermanja u r-Renju Unit) għal madwar tnejn (il-Polonja, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Latvja) fl-2011[32].

Peress li s-servizzi tal-pakketti qatt ma kienu parti mill-qasam li qabel kien riżervat,[33] jidher li l-kompetizzjoni żviluppat aktar fis-suq tal-pakketti milli fis-suq tal-ittri. Operaturi "tal-konsenji rapidi" bħall-UPS, id-DHL, it-TNT u l-FedEx, kif ukoll kumpaniji kurriera li tradizzjonalment kienu jiffukaw fuq servizzi min-negozju għal negozju (B2B), iktar ma jmur

[25] WIK – Consult, *Developments in the Dutch Postal Market*, 2011

[26] Dan ġej prinċipalment minn definizzjonijiet differenti tas-suq, speċjalment fir-rigward tal-limitu fil-piż ta' vjeġġi u l-karatteristiki tas-servizzi, metodoloġiji differenti kif ukoll nuqqas ta' dejta li tkopri l-operaturi kollha tal-konsenja.

[27] TNT Express (2012), 4Q 2011 Analysts presentation: 2011 Highlights and Strategy update, 21. February 2012

[28] AT Kearney, *Europe's CEP Market: Growth on New Terms*, 2012

[29] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)*

[30] Apex Insight, *European Parcels: Market Insight Report 2015*, 2015

[31] L-Unjoni Postali Universali, L-għadd ta' pakketti ordinarji, servizz domestiku u l-għadd ta' pakketti ordinarji, servizz internazzjonali – stima tad-dispaċċ għall-UE27. Dejta miġbura biss minn operaturi maħtura tal-Unjoni Postali Universali. http://www.upu.int/en/resources/postal-statistics/about-postal-statistics.html

[32] WIK-Consult, *Main Developments in the Postal Sector (2010-2013)*, p225

[33] Id-Direttiva 97/67/KE ippermettiet li l-korrispondenza ordinarja ta' sa 100g tkun riżervata għall-fornitur tas-servizz universali. Id-Direttiva 2002/39/KE naqqsit il-piż għal 50g.

qed jiżviluppaw is-servizzi min-negozju għall-konsumatur (B2C) tagħhom biex jieħdu vantaġġ mit-tkabbir fil-kummerċ elettroniku, filwaqt li kumpaniji ġodda qed jidħlu fis-suq. Fl-istess waqt, il-fornituri ta' servizz universali qed jiżviluppaw servizzi aktar sofistikati ta' twassil tal-pakketti, pereżempju billi jiggarantixxu l-ħinijiet tat-twassil, biex japprofittaw mix-xiri onlajn. Għalhekk hemm ċerta konverġenza fil-prodotti u s-servizzi offruti minn tipi differenti ta' operaturi tal-konsenja, u l-konfini bejniethom qed issir dejjem inqas definita.

Madankollu, għad hemm tħassib dwar l-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi transkonfinali tal-konsenja tal-pakketti: in-nuqqas ta' aspetti tal-konsenja (pereżempju informazzjoni ta' traċċar), problemi ta' trasparenza fil-prezzijiet u prezzijiet għoljin huma ripetutament fost l-ilmenti ewlenin kemm mill-konsumaturi kif ukoll mill-bejjiegħa bl-imnut elettroniċi[34]. Flimkien mal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali,[35] li ġiet adottata fis-6 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika biex tgħin biex jiġu identifikati soluzzjonijiet għat-titjib tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera u biex jinkiseb fehim aħjar ta' kif jiffunzjona dan is-suq. Fl-ewwel nofs tal-2016 il-Kummissjoni se tniedi miżuri biex ittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u s-sorveljanza regolatorja tal-konsenja transkonfinali tal-pakketti. Dan huwa b'żieda mal-azzjonijiet diġà meħuda mill-Kummissjoni u minn partijiet ikkonċernati differenti wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-*Pjan direzzjonali dwar l-ikkompletar tas-suq uniku għall-konsenja tal-pakketti* fl-2013[36].

## 9. L-impjieg mill-fornituri ta' servizz universali naqas, primarjament b'riżultat tas-sostituzzjoni elettronika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma aktar varjati

Fl-2013, madwar 1,2 miljun persuna kienu impjegati mal-fornituri ta' servizz universali fl-UE, u f'xi Stati Membri il-fornituri ta' servizz universali huma responsabbli għal proporzjon sinifikanti tal-impjiegi domestiċi[37]. L-impjieg li jiġi ġġenerat minn operaturi postali oħra iżid dan it-total u madwar 272,000 kienu impjegati direttament mill-industrija tal-konsenji rapidi fl-2010[38].

Volumi tal-ittri li qed jonqsu, flimkien mal-modernizzazzjoni u ż-żieda fl-awtomatizzazzjoni qed iħallu impatt fuq il-livelli tal-impjiegi. Iċ-ċifri tal-Unjoni Postali Universali juru tnaqqis

[34] Ara pereżempju Civic Consulting for Executive Agency for Health and Consumers, *Consumer market study on the functioning of e-commerce and internet marketing and selling techniques in the retail of goods*, 2011; FTI Consulting, *Study on intra-community cross-border parcel delivery*, 2011; Copenhagen Economics, *Study on the state of play of EU parcel markets with particular emphasis on e-commerce.* 2013; Rapport Speċjali tal-Ewrobarometru 398 Suq Intern, 2013; Ewrobarometru Flash 413: Companies Engaged in Online Activities, 2015 and European Commission, Consumer survey identifying the main cross-border obstacles to the DSM and where they matter most, 2015

http://ec.europa.eu/consumers/consumer_evidence/market_studies/obstacles_dsm/index_en.htm

[35] COM(2015)192 finali

[36] COM (2013)886 finali

[37] Bażi tad-Dejta tal-Istatistiki Postali tal-Kummissjoni Ewropea, 2013, kalkoli proprji

[38] Oxford Economics *The Economic Impact of Express Carriers in Europe*, 2011. Dejta dwar l-impjiegi għall-operaturi għajr għall-fornituri ta' servizz universali mhijiex inkluża fl-istatistika Postali tal-Kummissjoni Ewropea,

fl-għadd totali ta’ persunal impjegat mill-fornituri ta' servizz universali ta’ madwar 250,000 bejn l-2008 u l-2013[39]. L-impjieg minn fornituri ta’ servizzi universali naqas b’rata medja ta’ 4,4 % fit-28 Stat Membru bejn l-2012 u l-2013[40]. Ġeneralment, il-ħaddiema tal-fornituri ta’ servizz universali huma membri ta' trade unions u l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom huma koperti minn ftehimiet tax-xogħol kollettivi settorjali u/jew ġenerali. F’ħafna każi, il-modernizzazzjoni ġiet ġestita b’mod soċjalment responsabbli flimkien mat-trade union, u l-irtirar kmieni u t-tluq volontarju intużaw biex jitnaqqas l-għadd ta’ sensji obbligatorji. Minkejja t-tnaqqis fl-għadd ta' ħaddiema, proporzjon kbir ta’ persunal għadu involut f’operazzjonijiet ta' konsenja. Madankollu, kien hemm żidiet sinifikanti fil-proporzjon ta’ impjegati part-time f’xi Stati Membri, u globalment hemm tendenza lejn għamliet aktar flessibbli ta’ kuntratti ta’ impjieg.

## 10. Huwa meħtieġ monitoraġġ mill-qrib hekk kif is-suq qed ikompli jevolvi

B’mod ġenerali, iż-żewġ għanijiet ewlenin tal-politika postali Ewropea, jiġifieri l-iżgurar ta' firxa minima ta’ servizzi ta’ kwalità speċifikata bi prezzijiet affordabbli għall-utenti kollha u l-ftuħ tas-suq b’kundizzjonijiet ġusti ta’ kompetizzjoni, twettqu, għalkemm għad hemm tħassib dwar is-suq transkonfinali tal-pakketti. Madankollu, is-suq postali għadu qed jevolvi b’mod mgħaġġel u kontinwu u huma meħtieġa monitoraġġ kontinwu mill-qrib u analiżi ulterjuri tas-suq postali ġenerali, kif ukoll tal-effetti tal-qafas regolatorju. Dan huwa importanti b’mod partikolari fid-dawl tal-impatt, fuq il-provvediment tal-obbligu tas-servizz universali, tat-tnaqqis fil-volumi tal-ittri u l-għadd li dejjem qed jikber ta' pakketti u biex, jekk meħtieġ, ikun hemm il-kapaċità ta' rispons għall-bidliet fl-ambjent tekniku, ekonomiku u soċjali, u għall-ħtiġijiet tal-utenti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur. Mill-2016 il-Kummissjoni se tippubblika statistiki annwali biex tipprovdi aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi fis-swieq tal-ittri u tal-pakketti fl-Unjoni Ewropea.

[39] Stimi tal-Unjoni Postali Universali (UPU) għall-UE27. Iċ-ċifri jinkludu l-operaturi maħtura tal-UPU — jiġifieri l-fornituri ta' servizz universali — biss.

[40] Valur stmat abbażi tal-Bażi tad-Dejta tal-Istatistiki Postali tal-Kummissjoni Ewropea